MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 630/2005

**Frank Borda Limited C 446**
**Vs**
**Robert u Aurora Caruana ID 348964M u 393966M rispettivament**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta Marzu 2005, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u erbghin lira (Lm540) rapprezentanti bilanc ta prezz ta merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l- konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 25 ta Settembru 2006 fejn preliminarjament giet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2148 (b) Kap 16 tal-ligijiet ta Malta u fit-tieni lok u fil-meritu l-

konvenuti jallegaw li s-socjeta attrici ghandha thallashom tad-danni in konnessjoni mal-istess merkanzija fornita lilhom stante vjolazzjoni fil-kondizzjoni tal-ordni u hsarat kawzati fil-proprjeta tal-konvenuti waqt il-process tal-installar tal-istess. Difatti l-istess konvenuti ntavolaw kontro-talba kontra l-istess socjeta attrici fis-somma ta erba mitt lira (Lm400) ghad-danni minnhom allegati.

Ra r-risposta tas-socjeta attrici datata 10 ta Ottubru 2006 ghal precitata kontro-talba fejn giet eccepita l-preskrizzjoni tal-istess talba ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u difatti l-istess socjeta qatt ma giet informata b'tali lanjanza qabel l-istess kontro-talba.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokument esebit Dok FB1.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn wiehed ghandu jiggudika dan il-kaz fuq iz-zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati minn kull-naha kontra t-talbiet rispettivi tal-parti l-ohra.

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta sena u nofs ai termini tal-artikolu 2148 (b0 Kap 16 li jitkellem dwar prezz ta merkanzija jew ta oggetti ohra mobbli mibjugha  bl-imnut filwaqt li s-socjeta attrici qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta sentejn ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 li jitkellem dwar danni kagonati li ma humiex azzjonabbli kriminalment.

Illi mill-process ghandu jirrizulta li z-zewg eccezzjonijiet ghandhom jigu milqugha u dana in vista tas-segwenti:-

1. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-8 ta Marzu 2005 u notifikata fl-4 ta Settembru 2006 filwaqt li l-invoice relattiva tal-bejgh in kwistjoni Dok FB1 tinsab datata 17 ta Lulju 2001.
2. Dwar il-kontro-talba din tinsab datata 25 ta Settembru 2006 filwaqt li skond ix-xhieda tal-istess konvenut jirrizulta li l-installar sehh aktra minn hames snin

qabel u li apparti l-odjern att gudizzjarju qatt ma kien kiteb lis-socjeta attrici dwar dan l-ilment tieghu.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz bil-mod segwenti:-

Fl-ewwel lok qieghed jilqa l-eccezzjoni ta preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u kwindi jichad it-talba attrici;

U Fit-tieni lok qieghed jilqa l-eccezzjoni ta preskrizzjoni sollevata mis-socjeta attrici u kwindi jichad il-kontro-talba tal-konvenuti.

Fic-cirkostanzi it-Tribunal ihoss li ghandu jkun gust u ekwu li l-ispejjes gudizzjarji kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati interamenti mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------